Kunsill Lokali Żejtun
**'Dar iż-Żwieten'**, 28, Triq Sant' Anġlu, Żejtun ZTN1369
Tel: 21 66 38 66 fax: 21 66 39 39 e-mail: zejtun.lc@gov.mt website: www.zejtunlocalcouncil.com

ŻEJTUN
Citta' Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

| | | |
|---|---|---|
| **Seduta** | 13/13 tas-seba' Kunsill Lokali elett Marzu 2013 | |
| **Data** | 14/11/2013 fis-6.30pm | |
| **Post** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun | |
| **Attendenza** | Sindku Joe Attard | Preżenti |
| | Viċi Sindku Maria Dolores Abela | Preżenti |
| | Amanda Abela | Preżenti |
| | Joan Agius | Preżenti |
| | Claude Camilleri | Skużat minħabba xogħol |
| | Raymond Caruana | Preżenti |
| | Sean Chircop | Preżenti |
| | Stephania Fenech | Preżenti mis-6.40pm |
| | Joseph Hales | Skużata minħabba saħħa |
| **Preżenti wkoll** | Segretarju Eżekuttiv Anton Falzon | |
| | Assistent Prinċipal Caroline Schembri | |
| | Ambaxxatrici taż-Żgħażagħ Christabel Carabott | |

Is-Sindku fetaħ il-laqgħa billi laqa' lill-Ambaxxatrici Christabel Carabott bl-aktar mod miftuħ u apert. Huwa spjega li Ms Carabott tista' titkellem u tipparteċipa fid-diskussjonijiet tal-Kunsill iżda ma tistax tivvota. Is-Sindku informa lill-Kunsill li hu flimkien ma' l-Ambaxxatrici ġie mistieden fil-Parlament nhar l-20 ta' Novembru fis-6pm. Is-Sindku rrapporta lill-Kunsill ukoll li hemm il-ħsieb li jiġi ffurmat il-Kunsill taż-Żgħażagħ fejn hi ser tkun ic-Chairperson.

**13. 1.** **Qari u Approvazzjoni tal-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 13. 1. 1 | | Proponent: Agius<br>Sekondant: Chircop | **Il-minuti 12/13 inqraw u ġew approvati b'dawn il-korrezzjonijiet:-** | |
| | 12.3.8 | Wara l-kliem '17 -il sena' jidħlu l-kliem 'li ilha attiva minn meta kellha 5 snin' u wara l-kelma 'għaldaqstant' jidħlu l-kliem 'is-Sindku ippropona'. | | |
| | 12.9.16 | Minflok il-kelma 'facebook', tidħol il-kelma 'website'. | | |
| | 12.9.28 | Jitneħħew il-kliem 'il-bankina fi Triq San Girgor fuq in-naħa li hemm l-arbli' u jidħlu l-kliem 'iz-zuntier in-naħa ta' Sta. Katarina' u minflok 'minħabba l-istess arbli wheelchairs ma jgħaddux' jidħlu l-kliem 'din hija responsabbilta' tal-Knisja'. | | |
| | 12.9.29 | Minflokk il-kelma 'tneħħietx', jidħlu l-kliem 'hux ser titneħħa' u minflok 'Triq Dun Gużepp Theuma' tidħol 'Triq Mikiel Busuttil'. | | |
| 13. 1. 2 | | **Wara il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.** | | |

**13. 2.** **Rapporti mill-Minuti**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 13. 2 1 | 12.2.1 | Agius: Trejqet ~~il-Litfija~~ l-Għasbija | Il-Kunsilliera Agius staqsiet jekk kellniex xi risposta mill-Awtoritajiet dwar il-każ ta' Trejqet il-Litfija. Ir-risposta kienet fin-negattiv. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 13. | 2 | 2 | 12.2.3 | Agius: Kuntrattur - Frankie Mifsud | Il-Kunsilliera Agius infurmat li wasal iċ-ċekk min-naħa tal-Housing Authority pagabbli lill-Kunsill Lokali. Il-Kuntrattur Frankie Mifsud ġie imħallas l-ammont li l-Kunsill irċieva (€63,716.67). Issa fadal Eur5,000 oħra x'jitħallsu. Hija infurmat lill-Kunsill li l-bieb ta' Blokk A issewwa. Il-kont ser jintbagħat lir-residenti. | Agius |
| 13. | 2 | 3 | 12.2.6 | Agius: Triq il-Għadam | Il-Kunsilliera Agius staqsiet jekk kellniex risposta dwar il-każ ta' żebgħa fi Triq President A. Buttiġieġ li tagħti għal Triq il-Għadam. Is-Sindku spjega li l-Perit Vassallo ta' TM qed jindaga. Agius talbet lill-Kunsill sabiex joggezzjona li d-dħul għal Triq il-Għadam minn Triq President A. Buttiġieġ lejn Għaxaq bypass tingħalaq peress li din qatt ma kienet magħluqa. | Sindku |
| 13. | 2 | 4 | 12.2.7 | Fenech: Dog Litter Bins | Il-Kunsilliera Fenech talbet sabiex isir dog litter bin fi Triq il-Labour filwaqt li l-Viċi-Sindku talbet sabiex isir wieħed wara l-knisja, Chircop talab għal wieħed fi Ġnien Brejġu u Agius talbet għal dog litter bin fi Triq President A. Buttiġieġ. Is-Sindku spjega li fil-ġonna kollha hemm bżonn id-dog litter bins. Il-Kunsilliera Abela spjegat li jekk jista' jkun ma jerġgħux isiru dog litter bins tal-plastik. is-Sindku spjega li issa naraw kif ser immorru b'dawk li twaħħlu u niddeċiedu wara. | |
| 13. | 2 | 5 | 12.2.8 | Viċi-Sindku: Żbir ta' siġar fi Vjal 25 ta' Novembru | Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk ġewx l-uffiċjali tal-Mepa minħabba ż-żbir ta' siġar ta' Vjal 25 ta' Novembru. Is-Sindku talab lill-Viċi-Sindku sabiex tagħmel kuntatt mal-Kunsillier Hales. | Hales |
| 13. | 2 | 6 | 12.2.9 | Caruana: Ħġieġ tal-bus shelters | Minħabba l-vandaliżmu li qed issir fuq il-ħġieġ tal-bus shelters, il-kunsillier Caruana talab sabiex isiru cameras survelliance. Is-Sindku spjega li hemm problema ta' monitoraġġ filwaqt li s-Segretarju spjega li jrid isir modem through IP. Is-Sindku talab li tinġieb kwotazzjoni. | Segretarjat |
| 13. | 2 | 7 | 12.2.10 | Abela: Skip Triq Marrubja | Il-Kunsilliera Abela staqsiet jekk intbagħtitx l-ittra lir-residenti dwar it-tneħħija ta' l-iskip ta' Triq Marrubja. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-ittra għadha ma ntbagħtitx iżda bgħattna għall-kuntrattur biex inkellmuh. | Hales |
| 13. | 2 | 8 | 12.2.12 | Agius: Billboard Żejt iż-Żejtun | Agius qalet li fl-aħħar laqgħa hija ssuġġeriet li fuq il-billboard jittellgħu xewqat sbieħ għal Milied għall-aħħar ta' Novembru. | |
| 13. | 2 | 9 | 12.2.13 | Abela: Bankina Triq Taltas | Il-Kunsilliera Abela staqsiet jekk hux ser titkompla l-bankina ta' Triq Taltas. Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-bankina tlestiet. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 13. | 2 | 10 | 12.2.14 | Caruana: Bollard ħdejn l-iskola primarja | Il-Kunsillier Caruana staqsa f'liema stadju wasalna biex isir il-bollard ħdejn l-iskola primarja. Il-Kunsilliera Agius staqsiet lil min ser inkellmu. Is-Sindku talab li nitkellmu mal-Kap Zammit. Agius spjegat li t-toroq magħluqin ser ikunu Triq A. Micallef k/m Misraħ Mikiel Anton Vassalli u Triq Sant'Anġlu quddiem it-taraġ. | |
| 13. | 2 | 11 | 12.2.18 | Agius: Tindif tal-bini tal-Kunsill | Il-Kunsilliera Agius staqsiet jekk ġewx avviċinati l-persuni li jnaddfu l-bini tal-Kunsill. Is-Segretarju spjega li huwa tkellem magħhom dwar it-tindif tal-uffiċċji tal-Kunsill. Agius talbet li tkun preżenti u jkunu avviċinati dwar it-tindif taċ-Ċentru Arti u Artiġjanat, Child Day Care Centre, Tribunal Lokali, il-Gym u Librerija Pubblika. | Agius |
| 13. | 2 | 12 | 12.3.8 | Fenech: Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ | Fenech staqsiet jekk kienx hemm inviti għal Kunsilliera għal Press Conference li saret nhar is-Sibt 9 ta' Novembru. Is-Sindku spjega li l-invit kien għas-Sindki. | |
| 13. | 2 | 13 | 12.7.1 | Caruana: Bollards quddiem il-Knisja Parrokkjali | Caruana faħħar ix-xogħol li sar fuq il-bollards ta' quddiem il-Knisja Parrokkjali, dan ġie pulit ħafna. **Il-Kunsill qabel li l-bollards għandhom jitħallew fuq il-post u jitneħħew meta jkun hemm l-attivitajiet.** | |
| 13. | 2 | 14 | 12.9.8 | Chircop: Stop sign fi Triq Qalb ta' Ġesu' k/m Triq Mikiel Cachia | Chircop staqsa għaliex ma tneħħitx l-istop sign fi Tirq il-Qalb ta' Ġesu' k/m Triq Mikiel Cachia. Is-Sindku talab lil Chircop sabiex jagħmel kuntatt mal-Kunsillier Hales. | Hales |
| 13. | 2 | 15 | 12.9.4 | Sindku Attivitajiet tal-Parroċċa | Is-Sindku ħeġġeġ lill-Kunsilliera sabiex jattendu għall-pussess ta' l-Arċipriet il-ġdid u l-ftuħ tal-Mużew tal-Parroċċa fis-17 ta' Novembru, kif ukoll għad-diversi attivitajet li ser isiru fil-parroċċa u mill-każini tal-baned fil-festa Lituġika ta' Santa Katarina, fit-23 u l-24 ta' Novembru. Il-Kunsilliera Agius ipproponiet li fl-okkażjoni tal-pussess ta' l-Arċipriet il-ġdid, il-Kunsill jagħti plakka ta' kommemorazzjoni. **Il-Kunsill qabel.** | Kunsilliera |
| 13. | 2 | 16 | 12.9.6 | Fenech: Attivitajiet | Fenech infurmat lill-Kunsill li l-attivita ta' absailing għadha mhux konfermata peress li qed nistennew risposta mill-Juventutis Domus filwaqt li l-attivita bir-roti ser issir f'ġurnata oħra. | Fenech |
| 13. | 2 | 17 | 12.9.12 | Agius: Żurżieqa fi Ġnien San Girgor | Il-Kunsilliera Agius staqsiet għaliex iż-żurżieqa ta' Ġnien San Girgor ma tneħħitx minħabba l-periklu. Is-Sindku spjega li x-xogħol ma setax isir minħabba x-xita. | Sindku |
| 13. | 2 | 18 | 12.9.17 | Caruana: Bankina fi Triq Ħabel ix-Xgħir | Caruana talab sabiex il-bankina ta' Triq Ħabel ix-Xgħir tkun slanting. Is-Sindku spjega li l-aħjar li jsiru strippi biex ma tkunx tiżloq. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 13. | 2 | 19 | 12.9.20 | Agius: Festival tal-Ktieb | Agius infurmat lill-Kunsill li t-tfal tal-Kids Club ġew mistiedna sabiex illum jattendu għall-festival tal-ktieb f'Dar il-Mediterran. | Agius |
| 13. | 2 | 20 | 12.9.22 | Agius: Stqarrija dwar l-istat ta' toroq | Agius staqsiet jekk saritx l-istqarrija dwar l-istat ta' toroq. Is-Sindku tkellem mal-Perit u għandu jkollu risposta x'ser jiġri fiż-Żejtun. Is-Sindku spjega li fuq il-website u l-facebook ser noħorġu stqarrija li t-toroq ingħataw lill-Kunsilli għal maintenance u mhux biex isiru mill-ġdid. Il-Kunsill Lokali m'għandux ċans jagħmilhom għax irid miljuni ta' ewro. | Sindku |
| 13. | 2 | 21 | 12.9.23 | Agius: Laqgħa mal-Pulizija | Il-Kunsilliera Agius staqsiet jekk is-Sindku iltaqax mal-Puizija. Ir-risposta kienet fin-negattiv | Sindku<br>Agius |
| 13. | 2 | 22 | 12.9.26 | Viċi-Sindku: Attivitajiet | Il-Viċi-Sindku infurmat lill-Kunsill li l-quddiesa li kellha ssir fit-8 ta' Diċembru ser issir fit-3 ta' Diċembru filwaqt li l-attivita' tat-30 ta' Novembru mhux ser issir. | Viċi-Sindku |
| 13. | 2 | 23 | | Sindku: Kunsill taż-Żgħażagħ | **Il-Kunsill qabel li jiġi ffurmat il-Kunsill taż-Żgħażagħ.** Ser jiġu avviċinati s-sitt nominati għall-ambaxxatur taż-Żgħażagħ. Ser issir applikazzjoni ma' l-Aġenzija Żgħażagħ. | Sindku |

**13. 3. Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML13/13. B'riferenza għal:

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 13. 3. 1 | 01 | MEPA: PA3063/13 | **Il-Kunsill qabel li għandha tinġibed l-attenzjoni tal-MEPA sabiex jinżamm il-karattru tal-post.** | Sindku |
| 13. 3. 2 | 03 | DLG: Memo 25/13 | **Il-Kunsill qabel li għandu japplika għall-attivita Żejt iż-Żejtun 2014 taħt l-iskema ta' attivitajiet 2013-2014.** | Sindku<br>Agius |
| 13. 3. 3 | 04 | DLG: Stedina 20.11.2013 - 20 anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali | Is-Sindku spjega li hu flimkien ma' l-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ ġew mistiedna sabiex jattendu l-Parlamenti nhar l-20 ta' Novembru bejn l-4pm u 7pm fl-okkażjoni ta' l-20 Anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. | Sindku |
| 13. 3. 4 | 06 | DLG: Seminar Immaniġjar ta' l-Iskart | Is-Sindku ser jattendi għas-seminar li ser isir nhar it-Tnejn 25 ta' Novembru fis-2pm dwar l-abbozz tal-pjan għall-immaniġjar ta' l-iskart 2013-2020. | Sindku |
| 13. 3. 5 | 09 | AKL: Laqgħa Plenarja 7 ta' Diċembru | Il-Kunsilliera li ser jattendu għal-laqgħa plenarja li ser issir mill-AKL fis-7 ta' Diċembru huma: Sindku, Viċi-Sindku, Agius, Chircop u Fenech. | Kunsilliera |
| 13. 3. 6 | 11 | TM: Ħofra | Is-Sindku innota l-ilment ta' ħofra quddiem bus shelter wara l-knsija ta' San Girgor. | Sindku |
| 13. 3. 7 | 12 | TM: Zebra Crossing fi Triq A. Cachia Zammit | Il-Kunsill innota li hu kien talab għal pelican lights u s'issa jidher li ħareġ il-permess għal zebra crossing. Għaldaqstant qed tintalab laqgħa mal-Perit Conti. | Sindku |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 13. | 3. | 8 | 13 | E. Cicciotti: Żjara minn residenti ta' Celano | Is-Sindku informa lill-Kunsill li ser issir żjara f'Malta minn grupp minn Celano bejn il-15 u t-18 ta' Novembru. Fl-aħħar ġurnata ser ikunu ż-Żejtun. **Il-Kunsill qabel li joffri full day tour li dawn iċ-ċittadini ta' Celano u trasport lura l-ajruport.** | Sindku |
| 13. | 3. | 9 | 14 | KL Żejtun: Money Detector Disposal | **Il-Kunsill qabel li jiddisponi minn money detector li m'għadiex tiffunzjona.** | Segretarjat |
| 13. | 3. | 10 | 16 | Greenpak: 3rd quarter report | Il-Kunsill innota li hu ġie fit-tminn post fuq 33 post fuq l-iskart separat. Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li s-sistema tal-ġbir tal-ħġieġ mhix taħdem. Il-Kuntrattur ma jistax jiġi avviċinat peress li dan hu mqabbad mill-Greenpak iżda jsir rapport. | Agius |
| 13. | 3. | 11 | 17 | TL Fgura: Eco Wardens | Il-Kunsill ġie infurmat li l-eco wardens ser ikunu fuq iż-Żejtun għada għal 8 siegħat bejn is-6am u t-3pm. Il-Kunsilliera Abela u Chircop issuġġerew li dawn jattendu fi Ġnien Brejġu. Il-Viċi-Sindku issuġġeriet li nedukaw lir-residenti u jitpoġġa avviż fuq il-facebook. | Sindku |
| 13. | 3. | 12 | 18 | Wirt iż-Żejtun: Preżentazzjoni minn Giulia Privitelli | Il-Kunsill innota l-istedina ta' Wirt iż-Żejtun ta' nhar id-19 ta' Novembru fis-7.15pm fil-Knisja Parrokkjali għal preżentazzjoni ta' riċerka minn Giulia Privitelli. | |
| 13. | 3. | 13 | 19 | Wirt iż-Żejtun: Restawr ta' niċċa fi Triq M'Xlokk | Is-Sindku informa lill-Kunsill li r-restawr tan-niċċa ta' Triq M'Xlokk ingħatat lil Wirt iż-Żejtun fejn dawn infurmawna li ser tgħaddi mill-Kumitat ta' l-istess Fondazzjoni. | Chircop |
| 13. | 3. | 14 | 23 | ETC: Lista għal post vakanti | Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħala sejħa interna, il-Kunsill irċieva sejħa waħda li din ma setgħetx titiqis valida peress li l-persuna li applikat hija persuna li qegħda fi skema ta' l-ETC u mhux impjegata ma' Kunsill Lokali. Dan ġie konfermat mid-Dipt. tal-Gvern Lokali. Għaldaqstant is-Segretarju informa lill-ETC fejn din bagħtet l-ewwel lista minn tlieta. L-applikanti għandhom ċans japplikaw sal-21 ta' Novembru. **Il-Kunsill qabel li għandu jinħatar bord ta' intervisti**. Il-bord ser ikun magħmul mis-Sindku, Viċi-Sindku, Agius u rappreżentanza Nazzjonalista. L-intervisti ser isiru bejn nofsinhar u t-tlieta. | Sindku |
| 13. | 3. | 15 | 26 | P. Farrugia: Kwotazzjoni għal kompjuter | **Il-Kunsill approva l-kwotazzjoni għal kompjuter għal impjegat Godwin Muscat mingħand Philip Farrugia.** | Segretarjat |

**13. 4. Ħlasijiet**

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 13. | 4. | 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 12/13 | **Il-Kunsill approva nem.com li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill.** | Segretarjat |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 13. 4. 2 | | Tabella tal-Hlasijiet 12/13 | **Il-Kunsill approva nem.com il-ħlas tal-kontijiet l-oħra skond kif jidher fit-tabella tal-ħlasijiet 12/13 bil-verifiki meħtieġa kif indikat fuq l-istess tabella.** | Segretarjat |
| 13. 4. 2 | i | **Il-Kunsill approva wkoll il-ħas ta' Eur100 lil Rita Abela għas-servizz tagħha ta' nursing għal flu vaccine administration.** | | Segretarjat |
| 13. 4. 3 | | Talbiet għal Xiri 12/13 | **Il-Kunsill approva nem.com il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarjat |

**13. 5.** **Kwotazzjonijiet: Live Streaming, Xmas Decorations**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 13. 5. 1 | | Kwotazzjoni 02/13: Provision & Installation of Live Streaming Equipment | Il-Viċi-Sindku irtirat minn fuq il-mejda tal-Kunsill minħabba kunflitt ta' interess ma ' Correct Termination Ltd. L-applikanti kienu dawn: Smart Technologies, Correct Termination u Smart ICT. Is-Segretarju informa lill-Kunsill li Smart Technologies huwa sub contractor tal-MITA u mill-ftit li ħdimna miegħu, is-servizz tagħhom kien tajjeb ħafna. L-adjudicating board iffurmat mis-Sindku u l-Kunsillier Caruana irrakkomanda lill-Kunsill li jieħu l-orħos offerta dik ta' Smart Technologies għall-prezz ta' € 2,077.98 u maintenance fee ta' €885 fis-sena mit-tieni sena. **Il-Kunsill qabel li jibgħat għall-kuntrattur.** | Sindku |
| 13. 5. 2 | | Kwotazzjoni 03/13: Christmas Street Decorations | Għal kwotazzjoni tad-dwal tal-Milied, kellna kuntrattur wieħed li tefa' l-kwotazzjoni għall-prezz ta' €3,800. Għaldaqstant il-Kuntrattur Lawrence Cassar ġie avviċinat biex jarma qabel minħabba l-festi li hawn fil-lokal. Għal dawn iż-żewġ weekends li ġejjin id-dawl ser jixgħel bejn is-6pm u l-10pm. | Sindku |

**13. 6.** **Child Day Care Centre**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 13. 6. 1 | | Sindku: Jirraporta | Dwar il-miżura tal-baġit għal child care centres b'xejn minn April 2014, il-Kunsill ħa l-parir tad-Dipartiment ta' l-Edukazzjoni biex jitkellem mal-Foundazzjoni għal Servizzi Edukattivi. Għaldaqstant i**l-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' ma' rappreżentanti ta' l-FES u jitfassal ftehim bejn il-Kunsill u l-Fondazzjoni.** | Sindku Agius |

**13. 7.** **Dairy Farming**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 13. 7. 1 | | Sindku: Jirraporta | Is-Sindku rraporta lill-Kunsill li fi ħdan il-Galxlokk ser ikun hemm programm taħt il-Cultural & Educational Activities fejn ser isiru ġimgħa ta' attivitajiet fejn fihom nuru x'hawn fiż-Żejtun dwar l-industrija agrikola tal-produzzjoni tal-ħalib. **Il-Kunsill qabel li għandna noffru kull informazzjoni u ninvolvu lit-tfal ta' l-iskola u lill-pubbliku.** | Sindku |

**13. 8.** **Tenders**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 13. 8. 1 | | Tender 01/13: Resurfacing of alleys with hot tarmac/concrete | Is-Sindku informa lill-Kunsill li nħarġet sejħa għall-offerti bejn it-13 u s-16 ta' Diċembru sabiex isiru sqaqien f'żoni mhux urbani. Għal dan it-tender hemm ivvutati Eur25,000 mill-Gal Xlokk għal kull Kunsill u ser jieħdu sehem madwar 10 Kunsilli. **Il-Kunsill qabel li jsiru Sqaqien fi Triq Xrobb l-Għaġin Nru 3 u 5 minħabba l-full time farmers u jekk jifdal fondi isir sqaq f'Ħajt il-Wied bil-konkos.** Triq il-Kotob ma gietx kkunsidrata peress li hi kbira u m'hemmx biżżejjed fondi. | Sindku |
| 13. 8. 2 | | Tender 02/13: Resurfacing of residential roads with hot tarmac | Is-Sindku irraporta lill-Kunsill li inħarġet sejħa għall-offerti għal resufacing ta' toroq residenzjali bit-tarmak jekk ikollna fondi. Din tagħlaq fis-16 ta' Diċembru. | Sindku |
| 13. 8. 3 | | Tender 03/13: Small Scale Embellishment works | Is-Sindku informa lill-Kunsill li bejn l-10 ta' Novembru u l-10 ta' Diċembru ser tinħareġ sejħa għall-offerti sabiex isir xogħol ta' embellishment fi Triq Strejnu. Għal din is-sejħa hemm ivvutati madwar Eur15,000 mill-Gal Xlokk. Il-Kunsill irid joħroġ 20% oħra. | Sindku |

**13. 9.** **Mozzjonijiet, Xiri u Xogħlijiet**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|
| 13. 9. 1 | | Proponent: Chircop<br>Sekondant: Sindku | **Il-Kunsill qabel li dak inhar tal-Kunċert tal-Milied, ikun imfakkar l-unur ta' meta ż-Żejtun ingħata t-titlu ta' belt nhar it-30 ta' Diċembru.** Ser issir ċerimonja żgħira b'corteo bl-għaqdiet Żwieten minn Misraħ Carlo Diacono sal-Knisja qabel jibda l-Kunċert. | Chircop |
| 13. 9. 2 | | Proponent: Hales | Is-Sindku qara l-mozzjoni tal-Kunsillier Hales sabiex Triq Anġlu Grima issir one-way. Is-Sindku spjega li kienet saret talba sabiex isir parkeġġ fuq il-bankina fi Triq Dun Ġwann Tabone. Fenech talbet li issir żebgħa safra quddiem il-bieb tal-ground taż-Żejtun Corinthians iżda dwar l-idea tal-one way ma kienx hemm qbil. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 13. 9. 3 | | Sindku: Impjegat Godwin Muscat | Is-Sindku talab lill-Kunsill jikkunsidra li l-impjegat Godwin Muscat jittella minn Skala 15 għal Skala 13. Il-Kunsilliera Agius ġibdet l-attenzjoni li f'każ bħal dan nitkellmu ma' l-individwu dwar l-andament tax-xogħol. **Il-Kunsill qabel.** | Sindku |

| 13. 10. | | **Affarijiet Oħra hekk meqjusa urġenti** | | |
|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 13. 10. 1 | | Caruana: Tabelli f'Misraħ Karlu Diacono | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex jitneħħew il-no u turns li twaħħlu f'Misraħ Karlu Diacono. Is-Sindku spjega li l-permess tal-MEPA u TM kien ħareġ sabiex isir central strip sħiħa barra z-zebra crossing. Is-Sindku spjega li saret biż-żebgħa minflok bil-konkrit minħabba l-karozzi tal-linja. Għalhekk s-sinjali saru bħala gwida għas-sewwieqa. | Hales |
| 13. 10. 2 | | Abela: 45, Triq Nikol Attard | Il-Kunsilliera Abela ressqet quddiem il-Kunsill każ ta' residenza nru. 45, Triq Nikol Attard peress li joqgħod ilma quddiem l-istess residenza li dan jiskula fil-bir. Is-Sindku spjega li dan ġara meta ppjantaw toroq Orazio Diacono u Nikol Attard. Ser issir spezzjoni mis-Sindku. | Sindku |
| 13. 10. 3 | | Fenech: Sala Ġnien San Girgor | Fenech infurmat lill-Kunsill li fis-sala ta' Ġnien San Girgor qed jerġa' jkun hemm riħa tad-drenaġġ. Is-Sindku fakkar li għandhom isiru l-bibien mill-ġdid, 2 fold, tal-gym, child day care centre u tribunal lokali. | Sindku |
| 13. 10. 4 | | Chircop: Logo Grupp Filatelija | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li l-logo tal-Grupp tal-Filatelija tlesta. Huwa spjega lis-Sur Mario Casingena ħa sehem fil-Wirja Filatelika li saret f'Żejt iż-Żejtun. Is-Sur Casingena ħa sehem f'wirja li saret f'Għawdex u ħa premju għall-isbaħ wirja. Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li ser jagħti ċeritifkat li kull min ħa sehem fil-wirja filatelika u li l-laqgħa tal-filatelija li jmiss ser issir fil-Furjana. | Chircop |
| 13. 10. 5 | | Chircop: Bolla ġdida | Il-Kunsillier Chircop informa lill-Kunsill li l-Maltapost ser toħroġ bolla ġdida bil-presepju mekkaniku ta' l-istitut Ġesu' Nazzarenu taż-Żejtun. **Il-Kunsill qabel li jixtri din il-bolla sabiex tkun fl-arkivji tal-Kunsill.** | Chircop |
| 13. 10. 6 | | Chircop: Kompetizzjoni 'L-Isbaħ Tieqa' | **Il-Kunsill qabel li għal din is-sena terġa tittella l-kompetizzjoni ta' l-isbaħ tieqa mżejjna tal-Milied.** | Chircop |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 13. | 10. 7 | Chircop: Website tal-Kunsill | Il-Kunsillier Chircop talab sabiex il-Kunsilliera jikkollaboraw aktar ħalli jintefgħu informazzjoni dwar l-attivitajiet li jkunu qed jorganizzaw fuq il-website tal-Kunsill. Il-Kunsilliera Agius u Chircop ser jaħdmu flimkien sabiex itellgħu ~~20 sena ta' attivita~~jiet fuq il-website fl-okkażjoni ta' 20 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. | Chircop Agius |
| 13. | 10. 8 | Chircop: Ktieb Bijografija ta' Alexander Cachia Zammit | Il-Kunsillier Chircop staqsa jekk inxtrawx il-kotba ta' bijografija tat-Tabib Alexander Cachia Zammit peress li l-Kunsill ma kienx inkluż fir-ringrazzjamenti. Is-Sindku spjega li ser ikun avviċinat il-Kunsillier Camilleri għal verifika. | Camilleri |
| 13. | 10. 9 | Chircop: Stedina Wirt iż-Żejtun | Chircop staqsa jekk il-Kunsill kienx mistieden għal Jum Tifkira Mikiel Cachia mill-Fondazzjoni Wirt iż-Żejtun nhar il-Ħadd 10 ta' Novembru. Is-Sindku spjega li kellna korrispondenza fil-laqgħa li għaddiet li l-istess Fondazzjoni ser tħawwel siġra iżda dwar l-inviti ser niċċekkjaw mas-Segretarjat. | |
| 13. | 10. 10 | Chircop: Reklami | Il-Kunsillier Chircop talab lill-Kunsill jikkunsidra li Glenn Chircop jieħu Eur3/Eu4 għal kull reklam, liema flus jingħataw lill-Kunsill. Is-Segretarjat ser jiċċekkja jekk hemmx bżonn ta' bye-law u jiċċekkja wkoll dwar kirjiet ta' postijiet pubbliċi. | Segretarjat |
| 13. | 10. 11 | Chircop: Kunċert tal-Milied | **Il-Kunsill qabel li fuq il-poster u l-programm tal-Kunċert tal-Milied, jitniżżel li l-Kunċert qed isir b'kollaborazzjoni mal-Knisja peress li l-Knisja aċċettat li dak inhar tal-kunċert id-dħul għal Mużew tal-Knisja ikun b'xejn. Il-Kunsill qabel ukoll li dak inhar tal-kunċert inħeġġu lill-udjenza preżenti sabiex tagħti donazzjoni għal ~~Mużew~~ tal-Knisja.** | Chircop |
| 13. | 10. 12 | Chircop: Restawr tas-Salib tal-Pjazza | Il-Kunsillieri Chircop u Agius ġew avviċinati mis-Sinj. Romina Fenech Massa peress li sabet lil xi ħadd li lest li jagħmel ir-restawr tas-Salib tal-~~Pjazza~~ mingħajr ħlas. Ser issir spezzjoni nhar il-Ħadd ~~24~~ ta' Novembru. | Chircop |
| 13. | 10. 13 | Chircop: Sqaq Sant'Isidoru | Chircop ressaq quddiem il-Kunsill il-każ tar-residenti ta' Sqaq Sant'Isidoru peress li jżomm ħafna ilma. Is-Sindku spjega li meta toħroġ xi skema tal-Gvern għal dan it-tip ta' xogħol napplikaw. | Sindku |
| 13. | 10. 14 | Chircop: Linji tal-Parking f'Misraħ Kanonku Giovanni Vella | Il-Kunsillier Chircop talab sabiex isiru l-parking bays f'Misrah Kanonku Giovanni Vella. Is-Sindku spjega li dawn inbdew u ser jitkomplew. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 13. | 10. 15 | Caruana: Mera fi Triq Tal Barrani | Il-Kunsillier Caruana talab sabiex issir mera fi Triq Tal Barrani. Is-Sindku spjega li peress li din hi triq arterjali, it-talba ser tgħaddi lill-TM. | Segretarjat |
| 13. | 10. 16 | Caruana: Dust bins | Caruana talab sabiex isiru dustbins fil-Pjazza. Agius qalet li kien hemm litter bins u dawn tneħħew peress li xi nies bdew jabbużaw u jitfgħu boroż suwed. | Sindku |
| 13. | 10. 17 | Agius: Wirja tal-Presepji | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li bejn is-7 u t-13 ta' Diċembru ser tittella' l-wirja tal-presepji fiċ-Ċentru Arti u Artiġjanat. | Agius |
| 13. | 10. 18 | Agius: Attivita' Richmond Foundation | Agius infurmat lill-Kunsill li ġiet avviċinata minn Richmond Foundation Kids sabiex nhar it-22 ta' Diċembru issir carwash day fl-Istitut u jsir ukoll bejgħ ta' kotba. **Il-Kunsill qabel li jgħin kif jista' f'din l-attivita'.** | Agius |
| 13. | 10. 19 | Agius: Vaċċin ta' l-Influwenza | Il-Kunsilliera Agius infurmat lill-Kunsill li ingħatat l-injection ta' l-influwenza lil 900 applikanti. Din is-sena kellna nurses ġodda u dawn ser jieħdu Eur100 -il wieħed, spiża orħos mis-snin ta' qabel. | Agius |
| 13. | 10. 20 | Agius: Proġett Aġenzija Sedqa | Agius irrapurtat lill-Kunsill il-laqgħa li kellha ma' Gareth ta' l-Aġenzija Sedqa dwar pilot project 'Suldati fil-Komunita' fejn ser niltaqgħu ma' l-għaqdiet tal-lokal. Għal dan il-għan hemm il-ħsieb li laqgħa ma' l-għaqdiet tal-lokal issir fit-8 ta' Frar 2014. | Agius |
| 13. | 10. 21 | Viċi-Sindku: Kaptelli | Il-Viċi-Sindku ressqet quddiem il-Kunsill il-każ ta' residenta li biddlet kaptell fi Triq Lvant sabiex tingħata rimbors. Is-Sindku spjega li ma jingħatawx flus għal xogħol li jsir mill-privat. | Sindku |
| 13. | 10. 22 | Viċi-Sindku: Spralli fi Triq Xatbet l-Andar | Il-Viċi-Sindku ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar spralli bil-ħaxix fi Triq Xatbet l-Andar. Is-Sindku qal li dawn ser jitnaddfu. | Sindku |
| 13. | 10. 23 | Viċi-Sindku: Yellow lines fi Triq Dun Ġwann Farrugia | Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar yellow lines li saru fi Triq Dun Gwann Farrugia li dwarhom hemm xi diżgwid bejn il-ġirien. Is-Sindku spjega li fejn saru l-yellow lines ma kienx hemm diżgwid għaldaqstant il-Viċi-Sindku ser iġġib in-numru ta' fejn hemm il-problema. | Sindku |
| 13. | 10. 24 | Viċi-Sindku: Yellow lines fi Triq Vendome | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex jitwalu l-yellow lines fi Triq Vendome kif ukoll ġibdet l-attenzjoni dwar xi ħadd li qed jitfa' xi ħmieġ barra. | Sindku |
| 13. | 10. 25 | Viċi-Sindku: Żebgħa fi Triq Xejba | Il-Viċi-Sindku irrapurtat lill-Kunsill dwar żebgħa li saret min-naħa tal-Kunsill fi Triq Xejba li nżebgħet bl-iswed minn xi resident. | Sindku |
| 13. | 10. 26 | Viċi-Sindku: Patching fi Triq Santa Ċeċilja. | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex isir il-patching fi Triq Santa Ċeċilja. Din ser titniżżel fil-lista tal-patching. | Sindku |

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| 13. | 10. 27 | Viċi-Sindku: Ħofra fi Triq l-Isqof Emm. Galea | Il-Viċi-Sindku irrapurtat ħofra fonda fuq il-bankina ta' Triq l-Isqof Emm. Galea. Din ser titniżżel fil-lista tal-patching. | Sindku |
| 13. | 10. 28 | Viċi-Sindku: Mera fi Triq Ħal Tarxien | Il-Viċi-Sindku talbet sabiex issir mera fi Triq Ħal Tarxien k/m Triq Toni Zahra ħdejn il-beautician. | Sindku |
| 13. | 10. 29 | Viċi-Sindku: Seminar FZL | Il-Viċi-Sindku irrapurtat is-seminar li attendiet għalih tal-FZL fejn fih tat il-proposti tagħha. | Viċi-Sindku |

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fid-9.00pm. Laqgħa oħra tal-Kunsill Lokali ser issir nhar l-Erbgħa, 18 ta' Diċembru, 2013 fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali fis-Sala Mikiel Cachia fis-6.00pm

Joe Attard
Sindku

Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv